MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2390/2003

**Edgar u Mary Doris konjugi Galea (karti ta' l-identita` bin-numri 205035(M) u 879944(M) rispettivament)**
**vs**
**Lily Properties Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tlieta u hamsin lira Maltija (Lm553.00), u fejn intqal :**
**Ii l-atturi konjugi Galea huma propretarji tal-fondi Nru. 104 u 110, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, liema fondi jinsabu fil-livell tal-pjan terran;**
**Illi s-socjeta konvenuta qed tesegwixxi jew inkarigat lil min jesegwixxi xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fondi numerati 106 u 108 fl-istess Triq San Luqa, San Pawi il-Bahar, liema fondi jinsabu fil-livell tat-tieni sular (first floor level) u huma sovrastanti ghall-fondi di proprietà ta' l-atturi konjugi Galea;**

**Illi waqt il-kors tax-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni intraprizi mis-socjetà konvenuta fil-fondi Nru. 106 u 108 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, gew ikkagunati hsarat fil-fondi sottostanti di proprietà ta’ l-atturi konjugi Galea, kif ukoll f’oggetti mobbli li kienu jinstabu fl-imsemmija fondi;**
**Illi konsegwenti ghal tali hsarat l-atturi konjugi Galea sofrew danni, ghal liema danni hija responsabbli s-socjetà konvenuta verso l-atturi konjugi Galea, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Illi s-socjetà konvenuta già ghamlet zewg pagamenti ta’ mitejn Liri Maltin (Lm200.00) il-wiehed akkont verso d-danni sofferti mill-atturi konjugi Galea b’konsegwenza tax-xoghlijiet intraprizi mis-socjetà konvenuta fil-fondi Nru. 106 u 108 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar;**
**Illi in oltre s-socjetà konvenuta forniet lill-atturi konjugi Galea il-materjal necessarju sabiex l-istess atturi konjugi Galea jizbghu b’zewg passati zebgha, iz-zewg fondi di proprietà taghhom.**
**Illi llum pero` ghadha dovuta mis-socjetà konvenuta lill-atturi konjugi Galea s-somma ta’ hames mija tlieta u hamsin Liri Maltin (Lm553.00) rapprezentanti l-biianc mill-flus zborsati mill-atturi konjugi Galea sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat kagonati mis-socjetà konvenuta fil-fondi di proprietà taghhom Nru. 104 u 110, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar proprio, u valur ta’ danni kagunati mill-istess socjetà konvenuta f’oggetti mobbli li kienu jinstabu fi-imsemmija fondi.**
**Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas is-socjetà konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx dak minnha dovut lill- atturi konjugi Galea.**
**Jghid ghalhekk dan it-Tribunal ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ ghandux:**
**1. Jiddikjara u jiddeciedi li s-socjetà konvenuta hija unikament responsabbli ghall-hsarat kagonati lill-atturi konjugi Galea fil-fondi di proprietà taghhom Nru. 104 u 110 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar proprio, u f’oggetti mobbli li kienu jinstabu fl-istess imsemmija fondi, waqt il-kors ta’ xoghtijiet ta’ kostruzzjoni intraprizi mill-istess socjetà konvenuta fil-fondi Nri.106 u 108 fl-istess Triq San Luqa, San**

**Pawl il-Bahar, liema fondi huma sovrastanti ghall-fondi di proprietà ta' l-atturi;**
**2. Jiddikjara u jiddeciedi li s-socjetà konvenuta hija ghalhekk responsabbli lejn l-atturi konjugi Galea ghad-danni sofferti mill-istess atturi konjugi Galea b'konsegwenza ta' tali hsarat;**
**3. Tikunndannaha thallas lill-atturi konjugi Gatea s-somma ta' hames mija tlieta u hamsin Liri Maltin (Lm553.00) rapprezentanti l-bilanc mill-flus zborsati mill-atturi konjugi Galea sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat kagonati mis-socjetà konvenuta fil-fondi di proprietà taghhom Nru. 104 u 110, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar proprio, u valur ta' danni kagunati mill-istess socjetà konvenuta f'oggetti mobbli li kienu jinstabu fl-imsemmija fondi.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra s-socjetà konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-3 ta' Marzu, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Edgar Galea, il-Perit Pierre Farrugia, Mary Doris Galea u Silvio Naudi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-atturi ssostitwew dawn il-proceduri ghad-danni li allegatament sofrew fil-fondi 104 u 110 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, minhabba xoghol ta' kostruzzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta.**
**2. L-attur Edgar Galea spjega li meta grawlu l-hsarat kien cempel lil Silvio Naudi ghas-socjeta` konvenuta sabiex, flimkien mal-Perit Farrugia nkarigat mix-xogholijiet u rapprezentant tad-ditta Attard**

**inkarigata mill-kostruzzjoni, imorru jaraw il-hsarat. Dawn fil-fatt marru raw il-hsara li kien hemm.**

**3. L-attur spjega li l-fond 106 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, fejn kienu qed isiru x-xogholijiet u propjeta` ta' Naudi, jifred l-fondi 104 u 110 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, propjeta` tal-atturi.**

**4. L-attur ilmenta li kull meta kien imur fil-fond tieghu kien isib li dahal ilma, apparti li l-bokka tal-lift kienet timtela bl-ilma. Dan l-ilma ikkawza hafna umdita` fil-fondi tal-attur. Fil-fond 104 Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, il-hitan u soqfa swiedu, u kellhom jinghataw zewg passati tibjid. Naudi kien qal lill-attur biex iqabbad lill-bajjad u l-attur hekk ghamel. Naudi hallas erba' mitt lira, filwaqt li lill-attur swielu sitt mitt lira, u ghalhekk dwar xoghol ta' tibjid kien ghad hemm mitejn lira pendenti.**

**5. Jirrizulta li x-xoghjolijiet saru fix-xitwa.**

**6. Id-Dok.EG6 juri l-ispejjez u danni li allegatament kellu l-attur minhabba dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni.**

**7. Jirrizulta li minhabba l-umdita' thassar t-television tal-atturi, kif ukoll saru hsarat fis-siggijiet u fl-imhaded. Saret ukoll hsara fit-telephones tal-atturi.**

**8. Dan jinsab kollu konfermat mill-attrici Mary Doris Galea, li spjegat li l-ispiza tat-tibjid kienet fiz-zewg fondi taghhom. L-attrici tikkonferma li t-technician tad-ditta Seleco qalilhom li t-television ma jissewwiex. Jigi rilevat li skond il-konvenut, it-technician migjub mis-socjeta` konvenuta, qal li l-hsara ma gratx minhabba umdita`. It-Tribunal ma jsib ebda raguni l-ghala m'ghandux jemmen dak li qed tghid l-attrici. Dwar it-television jirrizulta ghalhekk li dan issaddad minn gewwa bl-umdita`. Huwa minnu li t-television kien ilu ghandhom tlett snin, pero` ma hux normali li jkollu s-sadid minn gewwa, u f'perjodu daqshekk qasir. Ghalhekk jidher li tassew kienet l-umdita` li kkawzat din il-hsara.**

**9. Silvio Naudi beda biex qal li meta gie prezentat il-kont mill-atturi u kien lest li jhallas ghalihom. Jammetti li « xi ftit umdita` dahlet » .**

**10. Silvio Naudi jghid li s-siggijiet li kien hemm kienu qodma. Naudi jghid li kien ser ihallashom bonarkjament biex jehles il-kwistjoni.**

**11. Il-Perit Farrugia bazikament, limitatament ghall-hsara fl-istruttira, jikkonferma li din rat minhabba umdita`.**
**12. It-Tribunal jinnota li Silvio Naudi ghas-socjeta` konvenuta kien ippresta attenzjoni ghall-ilmenti tal-atturi, u kien ukoll dispost li jirrangalhom. Ma hemmx dubbju dwar il-bona volonta` da parti tieghu. Jidher li ghal xi raguni l-partijiet baqghu ma ftehmux u ghalhekk bi sfortuna ghat-tnejn spiccaw fil-Qorti, meta tali kwistjoni setghet giet risolta bonarjament bejniethom.**
**13. Ma hemmx dubbju li l-hsarat lill-atturi graw, u li graw b'tort tas-socjeta` konvenuta, li ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni subiti. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici u jiddikjara li s-socjetà konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-hsarat kagunati lill-atturi konjugi Galea, u konsegwentement tikunndanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi konjugi Galea s-somma ta' hames mija tlieta u hamsin Liri Maltin (Lm553.00) rapprezentanti l-bilanc mill-flus zborsati mill-atturi konjugi Galea sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat kagunati mis-socjetà konvenuta fil-fondi di proprietà taghhom Nru. 104 u 110, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar proprio, u valur ta' danni kagunati mill-istess socjetà konvenuta f'oggetti mobbli li kienu jinstabu fl-imsemmija fondi. Bl-imghax legali dekorribbli mill-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------